MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 70/2002/1

**Anthony Pandolfino ghan-nom ta' Pandy's Riding School Company Limited**

**Vs**

**Eddie Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm132.91c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi gewwa l-istalel ta' l-attur.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li:

i. In linea preliminari, din il-kawza ghandha titqies dezerta ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
ii. Li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika;

iii. Li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' kawza ohra; u

iv. Li l-attur ma ppresta l-ebda servizz.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b'sentenza in parte ta' dan it-Tribunal datata 27 ta' Mejju, 2004.

Ra li t-tieni eccezzjoni giet michuda b'sentenza in parte ta' dan it-Tribunal datata 11 ta' Novembru, 2004.

Ra t-tielet eccezzjoni li huwa kif gej:

"Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur noe stante illi l-istess attur noe ma ppresta l-ebda servizz kif allegat fl-Avviz de quo."

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jikkonferma li kellhom Riding School Company u l-istalel. Jghid li huma kienu jaghmlu *riding school* kif ukoll *livery services* u dan jigifieri jzommu z-zwiemel tan-nies.

Jikkonferma li lill-konvenut kien izommlu z-ziemel biss.

Jghid illi hu ried jgholli s-servizzi biex jigi par ma' servizzi ohrajn li kienu ilhom li ghollew izda l-konvenut kien oggezzjona. Jghid ukoll illi huma jibbiljaw id-dawl skond il-persuna izda l-konvenut kien oggezzjona wkoll.

F'laqgha minnhom kienet saret talba sabiex id-dawl jigi diviz skond in-numru taz-zwiemel u mhux skond in-nies u dan gie accettat. Jikkonferma li l-konvenut ma kienx hallas dan.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li kellu ziemel li kien jinzamm go stalla ta' l-attur.

Il-konvenut jghid illi qatt ma talab servizz minghand l-attur u lanqas qatt ma tah servizz. Jghid ukoll illi xi erba' snin ilu kien waqaf ihallas lill-attur ghaliex l-istess attur riedu li jhallas tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22) fix-xahar u mhux hmistax-il lira Maltin (Lm15). Ma jiftakarx meta hareg iz-ziemel mill-istalla. Jghid illi fl-2001 iz-ziemel kien ghadu fil-post ta' l-attur.

Ra x-xhieda ta' Gerald Vella, bin il-konvenut, fejn jikkonferma li l-attur qatt ma tahom servizzi hlief il-kiri tal-post sabiex izommlu z-ziemel go l-istalla.

Gerald Vella jghid ukoll illi fuq il-kont li kien jaghti l-attur kien jissemma' l-*livery* pero' l-attur dejjem kien jghidlu ghall-kera biss.

Ra x-xhieda ta' Jonathan Borg li kien jikri stalla ghaz-ziemel tieghu minghand l-attur. Jikkonferma li l-attur qatt ma tah servizzi.

Jghid illi hu kien ikun kuljum hdejn l-istalla u kien jara lill-konvenut darbtejn kuljum.

Jikkonferma wkoll illi qatt ma ra lill-attur jaghti xi servizzi lill-konvenut. Jghid illi hu qatt ma rcieva servizz ta' *livery* u qatt ma ra lill-attur jaghmel xi xoghol ta' *livery* ghall-konvenut.

Borg jikkonferma illi meta kienu jmorru jhallsu l-kera, l-istess attur dejjem tkellem fuq kera biss.

Jghid illi kien ihallas tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar bhala kera.

Ra x-xhieda ta' Michael Spiteri li kien jikri l-istalla minghand l-attur fejn jikkonferma li qal Jonathan Borg. Jghid ukoll illi l-attur lanqas kellu cavetta ta' l-istalel taghhom u ghalhekk kollox huma kienu jiehdu hsieb.

**Ikkunsidra**

Illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-konvenut izomm iz-ziemel tieghu go stalla u jhallas lill-attur ghal dan. Illi l-attur yppretenda iktar flus ghall-uzu ta’ l-istalla u l-konvenut naqas li jhallas.

Illi fl-Avviz l-attur jippretendi dan il-flus ghas-servizzi gewwa l-istalel. Il-konvenut qal li qatt ma rcieva servizzi izda kien ihalli z-ziemel hemm.

Il-konvenut fil-fatt jghid:
“Jiena nikkonferma li nikri l-istalla minghand is-Sur Pandolfino…kont nikri u niehu servizz ta’ ilma u dawl…xi erba’ snin ilu jiena waqaft inhallas u la hallast kera, lanqas dawl u lanqas ilma…z-ziemel tieghi sal-2001 kien ghadu fil-post ta’ Anthony Pandolfino.”

L-attur spjega li s-servizz li nghata lill-konvenut huwa li zamm iz-ziemel tieghu. Il-konvenut mhux qed jichad li zamm iz-ziemel hemm izda qed jghid li se mai kellu jhallas tal-kera u mhux tas-servizzi u f’kull kaz is-socjeta’ attrici ma kellhiex titolu.

Illi bhala fatt jirrizulta li l-konvenut accetta li jhallas lill-attur talli zamm iz-ziemel tieghu fl-istalla in kwistjoni. Dan il-ftehim huwa ligi bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jhallas ghal dan. Ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm132.91c) bl-ispejjez u bl-imghax mis-16 ta’ Gunju, 2003 (data tan-notifika ta’ l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------